# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 14 ta' Marzu, 2018**

**Kawża Nru. 50**
**Rik. Nru. 666/10 JRM**

James **NICHOLL**

vs

Edoardo **PELLEGRINI PETIT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-2 ta' Lulju, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti ssib li (i) l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident tat-triq li seħħ fi Vjal it-Trasfigurazzjoni f'Ħal-Lija fl-14 ta' April, 2009, li fih l-attur ġarrab danni; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnu fl-imsemmi inċident; u (iii) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Lulju, 2010[1], li bih ordnat in-notifika tar-Rikors lill-imħarrek u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

[1] Paġ. 13 tal-proċess

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-27 ta' Awwissu, 2010, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li kien jaħti għad-danni li l-attur jgħid li ġarrab, u saħaq li l-attur kien diġa' ġarrab ġrieħi gravi qabel f'inċident ieħor li kien kellu qabel l-inċident mertu tal-każ u din iċ-ċirkostanza jmissha tkun mistħarrġa l-aktar dwar l-effett tal-ġrieħi ta' qabel dan l-inċident fuq saħħet l-attur;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Settembru, 2010[2], li bih ħatret lill-kirurgu Charles Grixti bħala perit mediku sabiex jistabbilixxi jekk l-attur kellux xi diżabilita', u ta' liema għamla, qabel l-inċident mertu ta' din il-kawża. Ħatret ukoll lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet dwar ir-responsabbilita';

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit mediku fit-2 ta' Awwissu, 2011[3], u minnu maħluf kif imiss fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Diċembru, 2012;

Rat il-mistoqsijiet imressqa mill-imħarrek fis-6 ta' Ġunju, 2013[4], fejn eskutat lill-perit mediku, għal liema mistoqsijiet ma tressqet ebda tweġiba[5];

Rat is-surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[6], li bis-saħħa tagħha din il-kawża għaddiet biex tinstema' minn din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2015[7], li bih il-Qorti ħatret lill-Avukat Dottor Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sostitut sabiex tiġbor ix-xhieda li kien fadal tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Marzu, 2016[8], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-17 ta' Mejju, 2016[9];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-4 ta' Ottubru, 2016[10], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[2] Paġ. 18 tal-proċess
[3] Paġġ. 64 – 8 tal-proċess
[4] Paġ. 82 tal-proċess
[5] Paġ. 144 tal-proċess. Ara wkoll il-verbal tas-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2016 f'paġ. 117 tal-proċess
[6] Paġġ. 88 – 9 tal-proċess
[7] Paġ. 146 tal-proċess
[8] Paġ. 117 tal-proċess
[9] Paġġ. 118 – 120 tal-proċess
[10] Paġġ. 122 – 131 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara inċident bejn vettura u mutur mingħajr ma kien hemm ħbit. L-attur jgħid li kien qed isuq il-mutur tiegħu fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, f'Ħal Lija, meta l-imħarrek, li kien qed isuq quddiemu, ħariġlu għan-nofs u biex ma jibqax dieħel fih, għamel manuvra tali li wasslitu li jaqa' minn fuq il-mutur u jġarrab ksur f'riġlu l-lemini. Fl-imsemmi inċident, il-vettura u l-mutur ma ġarrbu ebda ħsara. L-azzjoni attriċi hija limitata għad-danni li l-attur jgħid li ġarrab b'riżultat tal-inċident u li wassluh biex jibqa' jbati minn debilita' li ma tgħaddix għall-bqija ta' ħajtu;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi ċaħad li kien jaħti għad-danni li l-attur jgħid li ġarrab, u saħaq li l-attur kien diġa` ġarrab ġrieħi gravi qabel f'inċident ieħor li kien kellu qabel l-inċident mertu tal-każ u din iċ-ċirkostanza jmissha tkun mistħarrġa l-aktar dwar l-effett tal-ġrieħi ta' qabel dan l-inċident fuq saħħet l-attur;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li fl-erbatax (14) ta' April, 2009, l-attur kien qed isuq fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, ġewwa Ħal Lija, bil-mutur tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni GBE-192, meta quddiemu ħarġet vettura tal-għamla *Citroen* bin-numru ta' reġistrazzjoni SUB-400, misjuqa mill-imħarrek;

Illi l-attur jgħid li l-vettura tal-imħarrek kienet wieqfa meta, ħabta u sabta, l-imħarrek ħareġ minn postu għal nofs it-triq[11]. L-imħarrek, min-naħa l-oħra, jgħid li meta lemaħ lill-attur mill-mera, huwa kien qed isuq bil-mod[12]. L-imħarrek iżid jgħid li ma kien hemm ebda impatt bejn il-vettura li kien qiegħed isuq hu u l-mutur misjuq mill-attur, filwaqt li l-attur jgħid li mhux ċert jekk il-mutur laqatx ir-rota ta' wara tal-vettura misjuqa mill-imħarrek[13]. Filwaqt li ma hemmx kontestazzjoni li ma saret l-ebda ħsara fiż-żewġ vetturi misjuqa mill-partijiet, l-imħarrek jisħaq li lill-attur ma kkawżalu ebda dannu kif jippretendi;

Illi l-imħarrek jgħid[14] li meta l-attur waqa' bil-mutur li kien fuqu, dan inqabad taħt l-istess mutur u kien l-imħarrek li, bl-għajnuna ta' persuna li nzertat kienet fl-inħawi, li qalgħu lill-attur minn taħt il-mutur tiegħu;

---

[11] Ara x-xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġġ. 26 u 101 tal-proċess. Ara wkoll il-verżjoni mogħtija mill-attur l-għada tal-inċident, u l-oħra mogħtija fid-19 ta' April, kif imniżżlin fir-Rapport tal-Inċident immarkat bħala dok "Ċ" f'paġ. 11 tal-proċess

[12] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġ. 46B tal-proċess

[13] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 25 tal-proċess

[14] Ara d-Dikjarazzjoni mehmuża mat-Tweġiba maħlufa f'paġ. 15 tal-proċess

Illi minn fost il-provi mressqa ħareġ li nzerta li, fuq is-sit tal-inċident, kien hemm ukoll terza persuna li tikkonferma li rat lill-attur riekeb mutur iswed ħiereġ minn triq laterali, u vettura tal-lewn ikħal li qalgħet, bil-mutur tal-attur jispiċċa wara l-vettura[15]. Ix-xhud ma kienx f'qagħda li jikkonferma jekk il-vettura tal-imħarrek kinetx wieqfa jew kinetx miexja meta raha l-ewwel darba, iżda jgħid li wara l-inċident, il-vettura tal-imħarrek kienet ftit aktar 'il quddiem minn fejn kien raha l-ewwel darba. Jikkonferma ukoll li ma sema' ebda impatt bejn il-vettura tal-imħarrek u l-mutur tal-attur[16];

Illi dakinhar tal-inċident, l-attur kellu sitta u tletin (36) sena[17]. Huwa jaħdem bħala *Air Traffic Controller* fl-Ajruport Internazzjonali ta' Dubai. Wara l-inċident, l-attur għamel xi xhur nieqes mix-xogħol, iżda reġa' daħal lura għax-xogħol fl-ewwel ġimgħa ta'Awwissu tal-istess sena[18];

Illi jirriżulta illi minn fuq il-post tal-inċident, l-attur ittieħed l-isptar b'ambulanza, u kien qiegħed iħoss uġigħ f'rasu u kellu ksur f'irkobbtu l-leminija u l-parti tal-qasba tal-istess riġel. Fil-jiem ta' wara l-inċident, l-attur saritlu operazzjoni kirurġika, u ntbagħat lura d-dar fil-21 ta' April, 2009[19];

Illi l-attur jgħid li, qabel l-inċident mertu ta' din il-kawża, huwa kien korra u ġarrab ġrieħi f'suba' minn idu l-leminija b'riżultat ta' inċident ieħor bil-mutur, u kif ukoll ħsara f'sieqυ l-leminija b'riżultat ta' inċident ieħor li kellu waqt li kien qed jilgħab il-futbol[20]. Mill-'*file*'[21] mediku dwar l-attur miżmum fl-Isptar *Mater Dei* jirriżulta li f'Lulju tal-2004, kien sarlu intervent f'riġlu l-lemini taħt l-irkobba meta lwiha waqt li kien qiegħed jilgħab il-ballun, filwaqt li f'Marzu tal-2006 kien sarlu intervent biex jitneħħielu merk fin-naħa tal-lemin ta' għonqu u saritlu '*arthroscopy*' f'irkobbtu x-xellugija;

Illi b'riżultat ta' dan l-inċident, l-attur baqa' jilmenta minn uġigħ f'irkobbtu l-leminija u jgħid li l-uġieħ jillimita l-attivitajiet tiegħu ta' kuljum[22];

Illi fit-2 ta' Lulju, 2010, infetħet din il-kawża;

Illi l-espert mediku maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li l-attur tassew qiegħed ibati minn debilita' u li din mhijiex sejra tgħaddi maż-żmien[23]. Huwa

[15] Ara x-xhieda ta' Norbert Attard f'paġ. 32 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda ta' Norbert Attard fil-kontro-eżami f'paġ. 98 tal-proċess
[17] Ara kopja tat-*Traffic Accident Report* immarkat Dok. "Ċ" f'paġ. 10 tal-proċess
[18] Ara Dok. "B" f'paġ. 9 tal-proċess
[19] Ara r-rapport mediku *ex parte* ta' Massimo Abela mmarkat bħala Dok. "A" f'paġ. 5 – 8 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 26 tal-proċess
[21] Dok f'paġġ, 50 – 1*et seq* tal-proċess
[22] Ara r-rapport tal-espert mediku f'paġ. 66 tal-proċess
[23] Ara r-rapport tal-espert mediku f'paġġ. 64 – 8 tal-proċess

wasal għall-fehma li d-diżabilita' tiegħu kienet fil-grad ta' tmienja fil-mija (8%);

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' natura legali, jibda biex jingħad illi l-kwestjoni ewlenija li din il-Qorti għandha quddiemha tirrigwarda d-dinamika tal-inċident. F'dan ir-rigward, jaqa' fuq l-attur li jipprova kif imiss li dak li seħħ ġara bi ħtija tal-imħarrek u kif ukoll li l-ġrieħi li ġarrab kienu r-riżultat ta' dak l-inċident. Minħabba li l-imħarrek jgħid li l-attur ma korriex dakinhar tal-inċident imma kien diġa` korra f'inċidenti oħrajn ta' qabel, jaqa' fuq l-imħarrek li jipprova kif imiss din l-allegazzjoni;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attur qiegħed jippretendi kemm kumpens minħabba telf ta' xogħol sakemm dam jiddewwa ("*damnum emergens*") u kif ukoll kumpens dwar in-nuqqas jew telf għall-ġejjieni li sejjer iġarrab minħabba li baqa' ma fieqx għal kollox mill-ġrieħi li ġarrab fl-inċident ("*lucrum cessans*");

Illi għal dak li jirrigwarda **l-kwestjoni tar-responsabilita' għal dak li ġara**, il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[24], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[25]. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor[26];

Illi l-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil jew nuqqas ta' għemil li jkun; (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilita' dejjiema kawżata minn dak l-għemil[27];

Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili mhuwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa iridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju[28];

---

[24] Art. 1031 tal-Kapitolu. 16
[25] Art. 1032(2) tal-Kapitolu 16
[26] Art. 1033 tal-Kapitolu 16
[27] Art. 1045(1) tal-Kapitolu 16
[28] Ara P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** (mhix pubblikata, imma f'dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)

Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[29]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[30]. Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[31] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[32];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha hemm element ta' konflittwalita' bejn il-verżjonijiet taż-żewġ partijiet. Issa huwa miżmum li fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[33]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur*[34]. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[35]. F'kawża bħalma hija dik li l-Qorti għandha quddiemha llum, huwa prinċipju stabilit li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti trid tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija l-aktar waħda attendibbli u toqgħod magħha. Huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun[36]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba ż-żewġ verżjonijiet ikunu tali li jistgħu jitqiesu plawsibbli u ta' min joqgħod fuqhom mingħajr ma tkun tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi l-fehma tal-Qorti lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk il-Qorti tkun trid iddur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il

[29] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[30] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[31] Art. 562 tal-Kap 12
[32] Art. 559 tal-Kap 12
[33] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[34] Ara, per eżempju, P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.***
[35] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***
[36] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**); u App. Inf. PS **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Carmel Vella Clark***

darba dik il-prova ma tinġabx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir[37];

Illi għalhekk, fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[38];

Illi b'żieda ma' dan jingħad li l-kawża li l-Qorti għandha quddiemha hija waħda għal riżarċiment ta' danni mġarrba fuq il-bażi tal-ħtija akwiljana. Il-liġi[39] titkellem ċar dwar ir-responsabbilta' tal-għemil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Jaħti ta' għemil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[40]. Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni[41]. Ta' dan id-deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbilta' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż[42];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni[43];

Illi f'każijiet marbuta ma' inċidenti fuq it-triq, jaqgħu fuq is-sewwieqa dmirijiet partikolari li jkejlu jekk tali sewwieqa kinux tassew qegħdin iwettqu dak mistenni minnhom. Kemm hu hekk, hija regola ġenerali li kull sewwieq huwa mistenni li jħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri l-ewwel, li jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkustanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u t-tieni, li jżomm attenzjoni ("*proper look out*") dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih[44];

Illi l-attur jgħid li hu kien riekeb il-mutur u nieżel tul Vjal it-Trasfigurazzjoni lejn id-direzzjoni tar-"*roundabout*" ta' Triq in-Naxxar li tgħaqqad it-toroq li ġejjin minn Birkirkara, l-Iklin u l-*bypass* ta' Birkirkara. Huwa jgħid li, hekk kif

[37] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon***
[38] App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
[39] Art. 1031 tal-Kap 16
[40] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[41] Art. 1033 tal-Kap 16
[42] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[43] App. Inf. PS **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġiovanni Vella et vs Michael Ċilia***
[44] Ara per eżempju, P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd et noe vs Joseph Camenżuli*** (mhix appellata) ; u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefan Bonello vs Carmelo Abela*** (mhix appellata), fost oħrajn

wasal qrib it-torri li jinsab f'nofs Vjal it-Trasfigurazzjoni, l-imħarrek beda jsuq il-vettura wieqfa tiegħu u ħariġlu għan-nofs. L-attur jgħid li, minkejja li ipprova jieqaf biex ma jidħolx fil-karozza tal-imħarrek, siequ tkaxkret mal-asfalt tat-triq u nqaleb bil-mutur tiegħu b'kollox u spiċċa taħtu b'riġlu l-lemini miksur bla ma l-mutur tiegħu ġarrab ħsara jew bla ma kien hemm kuntatt bejn il-mutur u l-karozza misjuqa mill-imħarrek. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek jisħaq li fl-ebda ħin ma kien wieqaf, imma li kien qiegħed isuq kemm kemm jitħarrek matul il-Vjal u nieżel ukoll fl-istess direzzjoni li l-attur jgħid li kien sejjer fiha. Mill-provi mressqa, ma hemmx dubju li, sa x'ħin seħħ l-inċident, l-attur ma kien fl-ebda waqt quddiem il-karozza misjuqa mill-imħarrek. L-imħarrek jgħid li, x'ħin sema' ż-żaqżieq tal-metall tal-mutur, mill-mera ta' quddiem ra 'l xiħadd liebes '*crash helmet*' wara l-karozza tiegħu u qrib mhux ħażin minnha;

Illi minn dak li jissottometti l-attur, huwa qiegħed jgħid li l-imħarrek wettaq manuvra ażżardata li ġabet emerġenza għall-għarrieda li, minħabba fiha, tilef il-kontroll tal-mutur li kien riekeb fuqu. Issa meta sewwieq ta' vettura jistqarr li jkun tilef il-kontroll tagħha u jaħbat ma' vettura oħra ikun ġeneralment ifisser li jkun qed isuq ħażin b'mod li "*jinkwadra ruħu fil-kuntest tas-sewqan perikoluż*"[45];

Illi fil-każ tal-lum, l-attur jistkenn wara x-xilja tal-emerġenza subitaneja maħluqa mill-imħarrek. Huwa jgħid li dak li ġralu ma kienx ħtija tiegħu u li dak li għadda minnu kien riżultat ta' ċirkostanza lil hinn mill-kontroll tiegħu għaliex maħluqa mill-manuvra tal-imħarrek li daħallu għall-għarrieda fil-korsija li kien fuqha;

Illi huwa aċċettat li aċċident mhuwiex entita' astratta, imma huwa fatt li jkun ġara kif inhu fix-xorta u l-entita' tiegħu, jiġifieri "*event bl-inċidenti inerenti miegħu inkwantu minnu jidderivaw danni: il-kwestjoni m'hijiex biss ta' kawżalita', iżda wkoll ta' responsabbilta', u min bin-negliġenza tiegħu ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw, ikun ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża l-'aċċident' u pro tanto jkun responsabbli għalihom*"[46];

Illi tajjeb li jingħad li, biex tkun tiswa x-xilja tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedem[47]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater*

[45] App. Krim. JGD **20.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Neville John Psaila***
[46] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)
[47] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance vs Joseph Micallef et***

*familias*"[48]. Fuq kollox, min jallega ċirkostanza bħal din, jaqa' fuqu l-piż li jipprova allegazzjoni bħal din;

Illi bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu. "*Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part*"[49]. Għaldaqstant, ix-xilja tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess jekk kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha[50];

Illi l-attur jisħaq li ressaq provi tajbin biżżejjed biex jorbtu lill-imħarrek mal-ġrajjiet imsemmijin minnu. Huwa jsemmi wkoll ix-xhieda ta' persuna li nzertat li kienet fuq il-post meta ġara l-inċident u li huwa jgħid li ra dak li tabilħaqq ġara u jgħid li dan ix-xhud – Norbert Attard – "waqa' mis-sema"[51]. L-imsemmi xhud jgħid li kien ilu jaf lill-attur minn meta kienu għadhom żgħażagħ għaliex kienu jilagħbu l-ballun flimkien[52], imma jgħid li dakinhar tal-inċident ma ntebaħx li kien l-attur li waqa' mill-mutur għaliex ma setax jagħraf minn kien is-sewwieq minħabba li kien liebes il-'*crash helmet*'[53];

Illi x-xilja tal-attur dwar l-imġiba għall-għarrieda tal-manuvra tal-imħarrek tintrabat kollha kemm hi mal-allegazzjoni tiegħu li l-imħarrek kien ipparkjat ma' ġenb it-triq u f'ħin bla waqt beda ħiereġ hekk kif il-mutur misjuq minnu kien għoddu wasal ħdejn il-vettura tal-imħarrek. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jiċħad li hu kien wieqaf f'xi ħin jew li saq b'xi mod li jagħmlu jaħti għall-inċident. Fi kliemu, hu kien qed isuq fit-triq bil-mod, bl-attur isuq il-mutur warajh, u li ma kien hemm ebda impatt bejn il-mutur u l-vettura misjuqa minnu. Jisħaq ukoll li x-xhud imressaq mill-attur ma kienx f'qagħda jikkonferma jekk il-vettura misjuqa minnu kinetx wieqfa jew kinetx tinsaq matul it-triq;

Illi fid-dawl tan-nuqqas ta' qbil tal-verżjonijiet tal-partijiet li jkunu mdaħħla f'inċident tat-triq (għalkemm hawnhekk ma kienx hemm ħabta), ix-xhieda ta' terza persuna li tkun rat l-inċident taf tkun determinanti biex tixħet dawl fuq id-dinamika tal-inċident u fuq minj qiegħed jgħid sewwa jew sa liema grad imissu jitwemmen. Ix-xhud imressaq mill-attur jirriżulta li kien huwa wkoll riekeb rota u nieżel matul l-istess Vjal fid-direzzjoni li ż-żewġ partijiet infushom jgħidu li kienu neżlin huma wkoll. Mhux hekk biss, iżda x-xhud jgħid li x'ħin kien għadu qrib il-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija, kien saħansitra ra lill-attur ħiereġ minn triq sekondarja li tagħti għal Vjal it-Trasfigurazzjoni (Triq Robert Mifsud

[48] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.636**)
[49] Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ. 509
[50] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et*** (mhix pubblikata)
[51] Nota ta' Sotomissjonijiet tal-attur f'paġ. 118 tal-proċess
[52] Xhieda ta' Norbert Attard f'paġ. 32 tal-proċess
[53] *Ibid.* fil-kontro-eżami f'paġ. 98 tal-proċess

Bonniċi) u jdur 'l isfel tul il-Vjal fid-direzzjoni ta' Triq in-Naxxar, meta x-xhud ma kienx għadu f'qagħda li jara l-karozza misjuqa mill-imħarrek (billi din kienet aktar 'l isfel qrib it-torri tal-Belvedere)[54];

Illi l-Qorti qieset bir-reqqa l-provi mressqin mill-attur dwar ix-xilja tiegħu, u jidhrilha li hemm nisġa bejn l-inċident u dak li ġarrab l-attur wara l-ħabta. Mit-*Traffic Accident Report*[55], meħud flimkien mal-fehmiet tal-espert mediku[56], il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux u l-waqgħa tiegħu minn fuq il-mutur kienet effett dirett tagħhom. Il-Qorti tqis ukoll il-perċentwali ta' debilita' li wasal għaliha l-espert mediku, imma dik il-fehma jidher li ma tieħu l-ebda qies tal-korrimenti ta' qabel li l-attur kien ġarrab fis-snin l-imgħoddija;

Illi, minkejja dan, il-Qorti hija tal-fehma li din ir-rabta bejn il-waqgħa mill-mutur u l-ġrieħi mġarrba mhijiex biżżejjed biex twassalha tilqa' l-ewwel talba attriċi. Kif ingħad aktar qabel, l-għamla ta' kawża li l-attur għażel li jiftaħ kontra l-imħarrek titlob li tinġab prova tajba tar-rabta kawżali bejn id-dannu li ġarrab l-attur u mġiebet l-imħarrek, u f'każ li l-attur jonqos li jipprovaha kif jixraq, l-azzjoni jkollha tfalli. Fil-fehma tal-Qorti, l-attur ma seħħlux jipprova fil-grad li trid il-liġi li għall-ġrieħi li huwa ġarrab mal-waqgħa minn fuq il-mutur tiegħu kien jaħti l-imħarrek;

Illi l-Qorti ttenni l-fehma tagħha fuq numru ta' konsiderazzjonijiet: L-ewwel, il-fatti miġjuba quddiemha ma jħallu ebda dubju li l-vettura misjuqa mill-imħarrek kienet dejjem fuq quddiem dik tal-attur u ma kienet qatt wieqfa. Din iċ-ċirkostanza waħedha titfa' fuq l-attur ir-responsabbilta' mhux żgħira li jsuq bi prudenza u jara x'qed jiġri madwaru. Kemm hu hekk, hawnhekk jidħol fis-seħħ prinċipju ieħor dwar il-ħtija f'ħabta. Dan huwa l-preżunzjoni tal-ħtija fuq is-sewwieq li jkun wara vettura oħra. Hemm xi fehmiet li jgħidu li f'każ ta' ħabta bejn vetturi li jkunu mexjin wara xulxin huwa dejjem is-sewwieq li jkun fuq wara li jaħti għall-ħabta billi huwa fid-dmir li jara sewwa x'ikun għaddej (iżomm "*a proper look-out*") quddiemu[57]. Minbarra dan, il-ħtija ta' sewwieq li jkun jinsab fuq wara ta' vettura oħra tintrabat mal-bogħod xieraq li jkun inżamm mill-vettura li tkun quddiem: b'mod li jekk ma jinżammx dan il-bogħod, allura f'każ ta' ħabta l-ħtija terġa' lura fuq is-sewwieq ta' wara li jkun ġab lilu nnifsu f'qagħda li ma setax jevita l-ħabta[58]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jidher li l-attur ma żammx bogħod biżżejjed mill-karozza misjuqa mill-imħarrek biex seta' jingħad li tassew kellu kontroll xieraq tal-mutur li kien riekeb;

[54] Xhieda ta' Norbert Attard fil-kontro-eżami f'paġġ. 97 – 9 tal-proċess
[55] Dok. "MA2" f'paġġ. 46 – 9 tal-proċess
[56] Rapport Mediku f'paġġ. 67 – 71 tal-proċess
[57] P.A. AJM **3.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd et vs Charles Sciberras***
[58] P.A. AJM **20.3.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd et vs David Peter Elden***

Illi t-tieni konsiderazzjoni hi li x-xhieda ta' Norbert Attard, li l-attur tant jisħaq fuqha, ma tweżinx it-teżi tal-istess attur għaliex ma tgħidx sal-grad mistenni mil-liġi li l-imħarrek tassew ħareġ għal nofs ta' triq minn pożizzjoni wieqfa. Għall-kuntrarju, meta xehed fil-kontro-eżami, x-xhud ma setax jgħid jekk il-karozza misjuqa mill-imħarrek kinitx miexja jew le meta ra s-sewwieq jinqaleb bil-mutur. Hemm ukoll ċirkostanza oħra li tqanqal is-suspett tal-Qorti dwar kemm imissha toqgħod fuq ix-xhieda ta' Attard. Fix-xhieda ewlenija tiegħu huwa jgħid li kien qiegħed isuq ir-rota fuq it-triq u li meta qabeż il-karozza tal-imħarrek din kienet fuq ix-xellug tiegħu[59]; imma fil-kontro-eżami jgħid li kien qiegħed isuq fuq il-bankina, u għalhekk bl-ebda mod ma jista' jkun li l-karozza kienet fejn qal qabel, għaliex kien il-mutur tal-attur li kien fuq il-lemin tal-istess karozza;

Illi t-tielet kunsiderazzjoni li toħroġ mill-provi tirrigwarda l-insistenza minn missier l-attur ma' l-Ispettur ftit jiem wara l-inċident, biex l-istqarrija tal-attur tinbidel b'verżjoni aktar preċiża. Din iċ-ċirkostanza titfa' dubju fuq il-fatti kif tabilħaqq seħħew u għaliex l-attur ħass li kellu jirranġa l-verżjoni li kien ta l-għada tal-inċident lill-Pulizija meta kellmuh biex jagħtihom il-verżjoni tiegħu ta' x'kien ġara. Minn imkien ma jirriżulta x'wassal lill-attur biex ibiddel l-ewwel verzjoni tiegħu;

Illi r-raba' kunsiderazzjoni probatorja toħroġ mill-inkartament tal-'*file*' tal-Isptar rigward l-attur. Wieħed jifhem li l-attur, li jirriżulta li ma ntilifx minn sensih u kien orjentat, kien ta lit-tobba li laqgħuh fit-taqsima tal-Isptar il-verżjoni tiegħu għaliex kien spiċċa hemm. Jekk wieħed jara n-notament imniżżel fl-imsemmi '*file*' dak il-ħin li l-attur iddaħħal l-Isptar, wieħed isib li jingħad li "*a car in front of him stopped and he fell with the motorbike*". Din il-verżjoni tfisser biss li l-karozza tal-imħarrek kienet miexja u mhux ipparkjata, kif jallega l-attur. Verżjoni mogħtija qrib il-ġrajja jmissha tingħata attenzjoni xierqa għaliex x'aktarx tirrifletti dak li tassew ikun seħħ, għallanqas mill-perspettiva ta' min jagħmel id-dikjarazzjoni[60]. F'dan id-dawl, tqajjem xi ftit tat-tħassib ukoll dik il-parti tar-rapport tal-perit mediku maħtur mill-Qorti[61] li tgħid li l-attur qallu li dak inhar tal-inċident kien intlaqat minn karozza. Hawnhekk ukoll, jekk tassew l-attur iddikjara ħaġa bħal din meta nviżtah il-perit mediku, ma kienx qiegħed jgħid is-sewwa minħabba li l-attur ma ħabat u ntlaqat bl-ebda mod mill-karozza misjuqa mill-imħarrek;

Illi din il-ġabra ta' kunsiderazzjonijiet twassal lill-Qorti biex tqis li l-attur naqas li jipprova dak li jallega u għalhekk ma ssibx li l-imħarrek tassew jaħti għal dak

[59] Xhieda tiegħu f'paġ. 32 tal-proċess
[60] App. Ċiv. **29.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Michele Lanteri vs Alan Spiteri***
[61] Ara paġ. 65 tal-proċess

li ġara fl-imsemmi inċident. Minħabba f'hekk, din il-Qorti tqis li m'għandhiex tilqa' l-ewwel talba attriċi u mhijiex sejra tilqagħha;

Illi billi l-Qorti waslet għal din il-fehma, **t-tieni u t-tielet talbiet attriċi** mhumiex sejrin jintlaqgħu lanqas għaliex huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt għaliex ma ntweriex li l-imħarrek jaħti b'xi mod għall-inċident mertu tal-każ;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi**, billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** fil-mertu tal-imħarrek; u

**Tordna** li l-attur iħallas l**-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**14 ta' Marzu, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**14 ta' Marzu, 2018**